# L-ISKOLA PRIMARJA

Alfred Vella



F'kull belt u raħal tinsab dik l-Iskola Primarja biex tiġbor fiha dawk it-tfal minn tliet snin fil-Kindergarten sa 11-il sena. Hija skola tal-istat li llum tagħmel parti minn kulleġġi, fil-kas tal-Mellieħa, mill-Kulleġġ Maria Reġina. Fiż-żmien kienet tissejjaħ l-Iskola Elementari, billi kellha dik il-funzjoni li tnissel fit-tfal l-ewwel elementi ta' tagħlim, biex jiġu żviluppati mas-snin li jqattgħu fiha t-tfal. Illum, Primarja, billi sehimha hu iktar li tgħaddi l-ewwel edukazjoni biex timxi pass pass mal-ħajja tat-tfal. L-iskop tal-ewwel skejjel kien iktar biex tinqered l-injoranza fil-qari u fil-kitba biex it-tifel jitla' jinqeda bla dak il-bżonn kontinwu li jrid ikollu min jaqralu u jiktiblu u anke jikkalkulalu qisien u flus.

Il-pajjiż ċivilizzat ikun imxekkel ħafna meta l-liġijiet ma jaslux, meta l-kampanji favur is-saħħa flimkien ma' dawk l-aħbarijiet li jżommu s-soċjeta' infurmata ma jilħqux in-nies kollha tal-pajjiż. Naraw illum kemm karti nirċievu min-naħa tad-Dipartimenti tal-Gvern, mingħand il-banek, kemm kontijiet, kemm reklami. L-istess evanġelizzazzjoni ssir iktar mill-kelma miktuba li nirċievu d-dar. Immaġina kieku għandna popolazzjoni illitterata, ma tafx la tikteb u lanqas taqra. Tajjeb fl-istess ħin li għandna meżżi oħra qawwija ħafna.







Iżda hemm dik il-kitba li tkun indirizzata lill-persuna, li tkun diretta għalina. U hemm dak il-qies u kalkolu li trid tieħdu l-persuna fil-mument propju, meta hu waħdu. Il-qari, il-kitba, il-għadd, il-qies, il-kont, il-valur tal-flus, jibqgħu juru l-importanza tagħhom. Għalhekk dak l-ewwel tagħlim huwa meħtieġ biex fil-ħajja jaqdi u jgħin. Kienu jgħidulek: Studja ħalli ssir nies. Kienu jgħidulek verità. Kienu jafu xi tfisser meta ma tkunx taf taqra u tikteb. Smajt bniedem, ta' ħafna ġid, jgħid u jilmenta li bil-flus u l-propjeta' li kellu ma setax jixtri biċċa abilità li jaqra u jikteb. Ħassu f'qagħda mwegħra minkejja l-ġid li kellu u l-ambizzjonijiet li rahom jitwettqu. L-edukazzjoni tagħti ħafna liberta' lill-bniedem. In-nuqqas tagħha xkiel. Biha tista' tiżviluppa skopijiet u ħsibijiet. Il-ħajja ssir kollha tifsira kbira b'dak li l-edukazzjoni tlaqqgħu miegħu. Bl-edukazzjoni l-bniedem ikun tgħallem kif jgħix mal-bnedmin u kif jista' jfendi għal rasu. Jiġi miftuħ għal iktar tagħrif bil-kuntatt li jkollu u l-meżżi li jkunu jeżistu.

Iċ-ċittadin f'demokrazija jrid ikun imdawwal b'ħafna informazzjoni u tagħlim biex jagħti sehmu u jagħżel dejjem l-aħjar amministrazzjoni. Il-gvern fil-poter, għalkemm f'Malta kolonjali, ried l-iskejjel elementari biex ikun hemm nixxigħat ta' tagħlim biex tintlaħaq dik iċ-ċivilta' li tgħolli l-bniedem fi ħsibijietu, fil-ġudizzju, fl-għażliet, fl-atitudini tiegħu, fl-istil tal-ħajja tiegħu. Fl-iskola, jew bl-edukazzjoni, ma jfissirx li tifel jitgħallem kollox f'dawk is-snin. Dawk l-ewwel esperjenzi bi stampi u kuluri, bi stejjer ta' interess skond l-eta', kollha kemm huma jservu biex tqum ħajra għal iktar tagħlim u abilità biex wieħed jesplora u jfittex.

L-għalliem jibqa' mistagħġeb fejn it-tfal minn taħt idejh waslu b'dik il-ħajra li kellhom fihom. Il-gradwat, il-professjonist, kollha kemm huma kellhom dik l-edukazzjoni primarja

fil-bidu tat-tfulija tagħhom li biż-żmien kabbru bl-interess li wrew fi studji u ambjenti li sabu u forsi wkoll ħolqu. Tisma' minn awturi Maltin kif l-interess tagħhom fil-kitba bil-Malti bdiet minn dak il-qari tal-Kotba, Ġabra Ta' Ward ta' E.B. Vella. Barra dak il-ktieb bi stampi kuluriti li jibqgħu fil-moħħ, l-għalliem, b'dik l-atitudini tiegħu, jaf iħalli impressjoni li ma tintilifx malajr biż-żmien. Għadni niftakar dik il-għanja "*Lightly Row on the silent waves we go*" meta ta' seba' snin, rajt l-għalliem jaqdef u jkantaha fil-klassi b'dik il-furketta biex jintonana.

L-Iskola Primarja ma kienx fi ħsiebha li tgħaddi t-tagħlim tas-suġġetti biss. Riedet tagħmel mit-tifel bniedem sħiħ, ċittadin onest u nisrani tajjeb. Riedet għalhekk li toħloq ġenerazzjoni wara l-oħra f'dixxiplina raġonevoli biex ikun hawn soċjeta' ċivili tikkopera mal-amministrazzjoni tal-pajjiż biex ikun hawn ċerta sigurta' u organiżżazzjoni. Il-Knisja Kattolika kellha interess speċjali li l-poplu jiġi mgħallem minn meta jkun żgħir b'dawk il-valuri u twemmin. Kellha l-iskejjel tagħha u tagħlim li kien isir fil-kunventi. Il-Ġiżwiti, id-Dumnikani u l-Freres kellhom skejjel fl-antik li għamlu isem. Il-*Catholic Schools* fl-Ingilterra u fil-pajjiżi fejn l-emigranti tagħna bagħtu lil uliedhom kellhom isem tajjeb ukoll.

Id-diretturi tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni dejjem ħassew responsabilta' kbira fit-tmexxija tal-Iskejjel Primarji. L-iskola riduha bħal mudell għal kull lokalità. Riduha istituzzjoni minn fejn joħorġu l-aħjar eżempji, l-aħjar livell ta' ħajja, skond iċ-ċirkostanzi, li jitbiddlu ħafna. Il-bidu kien tqil ħafna. Riedu jinħolqu l-għalliema li riedu jiġu mill-iskejjel primarji jekk ma jkunx hemm min forsi mar is-Seminarju, u iktar 'il quddiem is-Central School, li maż-żmien inbidlet fil-Liċeo. L-għalliema riedu jiġu orjentati għat-tagħlim u li jżommu ruħhom aħjar mill-bqija tan-nies tar-raħal. Riedu jiġbdu rispett. Jissemma d-direttur Albert V. Laferla li ried iġib 'il quddiem sistema edukattiva. Kien bniedem gradwat fil-liġi, ta' dixxiplina, ġej mill-militar, li kellu kontroll kbir fuq is-setttur edukattiv. Sa kien jaf kull għalliem b'ismu. Nisma' lil missieri jgħid li jekk kien jiltaqa' miegħek il-Belt kien jindirizzak b'ismek. Beda jinkoraġġixxi t-tagħlim u ried li l-għalliem iżomm d-dekor tiegħu f'ilbiesu u anke fil-ħajja privata tiegħu. Kien iħoss li l-għalliem irid jagħti stampa tajba tiegħu nnifsu biex ikun stmat mis-soċjeta' u jkun kapaċi jħalli l-aħjar impressjoni biex joħloq fiduċja fih. Ma kontx toħlom li tkun għalliem u tmur l-iskola mingħajr ġlekk u ngravata. Fl-1924 dan id-Direttur għamel kemm felaħ biex l-Edukazzjoni Primarja ssir waħda obbligatorja. Dan il-pass favur id-drittijiet tat-tfal ma kienx jiftiehem għal kollox, għall-fatt li kien hemm min ħaseb li l-familja se tbati billi t-tfal ma setgħux jibqgħu jgħinu fix-xogħol tal-missier.

Il-familja numeruża riedet tgħin ruħha ħafna biex ma jkunx hemm tbatija. It-tfal, hekk kif jilħqu, riedu jmiddu jdejhom jgħinu fix-xogħol tar-raba', irabbu l-annimali u xogħol ieħor fejn il-missier jew il-familja kienet imxegħla. Allura ssib kemm il-kas fejn kien hemm talbiet biex it-tfal jiġu skużati. Iltqajt ma' storja fejn kien hemm talba biex żewġ subien jiġu skużati u jattendu biss fil-għodu biex ikunu jistgħu jieħdu l-ħwejjeġ tas-suldati mill-kamp tal-Għadira għall-ħasil, fid-dar tagħhom. Il-ġenituri kienu lesti li jekk dan il-permess ma jinqalax, joħorġu lit-tfal mill-iskola għal kollox. Dan kien f'April tas-sena 1917. Fl-aħħar tal-ħamsinijiet kelli, bħala għalliem, tfal li fallew għax kellhom imorru jgħinu lil missierhom fi żmien il-patata. Meta wara l-liġi kien ikun hemm ċitazzjoni, is-Surmast u l-għalliem kienu jidhru koroh, naturalment, u kien ikun hemm tensjoni ma' ċerti ġenituri.

Dik l-insistenza fuq attendenza regolari u fil-ħin, dik l-indafa, dawk id-doveri, dawk il-manjieri, dik l-ubbidjenza, rispett lejn l-awtorità, kienu kollha meħtieġa biex ikun hemm preparazzjoni għall- ħajja. Jekk inħarsu lejn il-parroċċa tagħna naħseb li l-iskola Primarja laħqet tat kontribut kbir meta saċerdoti fil-parroċċa kienu ftit ħafna fl-ewwel tletin sena u la kien hawn oratorji u lanqas organiżżazzjonijiet fi ħdan il-knisja. Kien hemm parroċċi li kienu gawduti iżjed u milħuqin minn kunventi u numru ta' saċerdoti b'inizjattiva. Kellek fit-tletinijiet parroċċi li kellhom xi għaqdiet bħal ma kien il-Mużew li kienu jagħtu kontribut f'dik li hi kura tat-tfal, b'ħarġiet u tagħlim. L-agħar fejn ma kien hemm xejn bħall-parroċċa tagħna. Parroċċa b'erba' saċerdoti ma kontx tista' tara mirakli jseħħu. Mill-Bijografija ta' Joe Bugeja tara kemm il-qagħda reliġjuża tal-Furjana, biex nieħdu eżempju, kienet sinjura fit-tletinijiet meta mqabbla ma' dik tal-Mellieħa.

Kienet parti mill-programm tal-Ħadd li fit-tlieta u nofs ikun hemm ir-Rużarju, priedka mill-Kappillan u wara l-benedizzjoni. Din il-priedka kienet tkun dwar suġġett kateketiku. In-nies kienet tqis dan bħala dover iżda maż-żmien kollox jitlef l-importanza tiegħu. B'danakollu, il-kappillani kienu jħallu mpressjoni b'dak li kienu jgħidu u laħqu tnisslu valuri li servew. Kien nixxiegħa ta' tagħlim meta n-nies kienet tistma ħafna dak li tisma', billi ma kienx hemm ħafna ilħna li jgħallmu u jħawdulhom moħħhom. Għat-tfal ma kienx hemm dawk il-priedki u tagħlim, ħlief f'dik in-nofs siegħa duttrina tliet darbiet fil-ġimgħa. Għalhekk tara kemm l-iskola primarja kienet tipprepara weħidha lit-tifel għal dik li hi ħajja. It-tfal kienu jattendu fil-knisja għall-quddies u funzjonijiet iżda għalihom kien kollox tqil bil-quddies bil-Latin u l-priedki għall-kbir.

Niftakar lil Mons Mikiel Azzopardi, saċerdot li ta sehem kbir fil-ħajja Kattolika Maltija, kien juri x'responsabilta' għandha l-iskola primarja biex tgħallem it-tagħlim nisrani bl-għalliema li għandha. Ir-reliġjon fl-iskejjel, kien jgħid, kellha l-privileġġ li ssir hekk kif it-tifel ikun għadu dieħel minn barra, frisk, u jkun fl-aħjar ambjent ta' tagħlim, b'għalliem dedikat għal dak ix-xogħol. Hu kien jaf x'hemm fl-iskejjel u kif isir it-tagħlim tad-Duttrina fil-parroċċi. Ma qagħadx igerger biss. Is-sitwazzjoni marret ħafna għall-aħjar. Ħabb ħafna lill-Azzjoni Kattolika biex ikun hemm dak it-tagħlim organiżżat ħafna minn membri ppreparati għal dan il-għan. Kien jara kif jagħmel u jdaħħal lill-

għalliema f'dan l-appostolat. Niftakru dawk il-mistoqsijiet fil-gara li kienet issir fil-parroċċa. U allura dawk it-tfal li kienu jieħdu t-tagħlim b'serjeta' biex jirrispondu tajjeb dak in-nhar. Xi snin wara l-gwerra kienet daħlet il-Quddiesa għat-tfal nhar ta' Ħadd iżda kien għadha bil-Latin. L-Omelija kienet tkun addattata għalihom.




S. Ġorġ Preca u saċerdoti bħal dan il-Monsinjur huma kollha benefatturi għas-soċjeta' Maltija li taw edukazzjoni biex ikollna ċittadini tajba. Sakemm daħlu s-sorijiet u kien hemm saċerdoti jgħallmu, l-għalliema fl-iskola primarja kienu weħidhom l-edukaturi ta' dawk il-ġenerazzjonijiet. Kellna ċerta xorti li sakemm kellna l-għalliema Melleħin fit-tletinijiet, il-parti l-kbira tal-għalliema kienu jiġu minn parroċċa milħuqa ħafna mis-saċerdoti, il-Mosta. Kienet dejjem parroċċa organiżżata u sinjura fil-vokazzjonijiet. U dan kien jiswa. L-iskola issir qawwija bil-kwalità ta' għalliema li jkun hemm.

Biex ngħidu l-kwadru kollu, il-Knisja Maltija kienet taf li għandha tinqeda bl-iskola primarja biex twassal is-sehem tagħha. Barra li kien hemm Diretturi Spiritwali għall-Iskejjel, il-Kappillan kien jagħmel xi żjara fl-iskola biex ikellem it-tfal, jitla' ma' saċerdoti oħra biex iqarru lit-tfal meta kienet issir dik il-quddiesa fl-ewwel ġimgħa ta' kull xahar. Is-surmast, mat-talba ta' fil-għodu kien jieħu l-okkażjoni biex ifakkar d-dmirijiet lejn Alla u l-Pajjiż. Żmien ir-Randan kienu jsiru l-Eżerċizzi Spiritwali li t-tfal kienu jieħdu b'serjeta' kbira. It-tfal kienu jinżlu l-Knisja u l-għeluq kien isir b'quddiesa, fejn kienu jitqarbnu t-tfal kollha. L-iskola kienet isservi biex tirfed it-tagħlim nisrani b'ħafna modi. Għal perijodu twil, fil-ħamsinijiet u fis-sittinijiet, kien hemm dik l-insistenza biex minn kull lezzjoni tal-qari toħroġ lezzjoni morali jew soċjali. Bl-iskola it-tfal kienu jkunu kkurati. Maż-żmien fl-Iskola l-Ġdida bdiet issir il-Ġurnata Ewkaristika b'dak l-artal li kien isir fil-bitħa. Mons Azzopardi, li kien isebbaħ l-okkażjoni bl-entużjażmu u l-kelma tiegħu kien jistħajlu li qiegħed ġo Fatima b'dik ix-xagħra quddiemu bla ebda bini. Kienet tħalli impressjoni kbira f'moħħ it-tfal, bis-saċerdoti kollha tal-parroċċa jassistu flimkien.

Sal-erbgħinijiet l-Iskola Primarja kienet issib ħafna diffikultajiet. It-tagħlim xejn ma kien stmat. Is-saħħa fit-tifel kienet meqjusa bħala l-akbar valur billi kien hemm bżonn iktar id-dirgħajn milli l-moħħ. Iż-żmien fl-iskola kien meqjus bħala għażż. Kellek missirijiet u ommijiet li lesti joħorġu lil uliedhom biex jibdew jakkwistaw xi sold jew jgħinu fid-dar u fix-xogħol. Il-kbar imsieken ġie li dabbru kollox, joħorġu bin-nagħaġ u jterrqu minn meta għadhom żgħar. Irnexxew fi skola jekk kienu verament determinati li jkomplu.



Il-poplu kien għadu ma jifhimx fis-siwi tal-edukazzjoni. Kien jara l-flus bħala l-aqwa għan fil-ħajja. Jekk kont tara bniedem tal-iskola, ma kontx tara xi bniedem ta' flus. Forsi liebes sewwa b'ingravata għax xogħlu hekk kien jitlob, iżda ma kellux dħul li bih jispikka bħal min kien jiġi mis-safar jew min kellu xi negozju li jirrendi. Min kellu l-iskola kien sodisfatt li għandu mpjieg u sodisfatt bil-paga ġejja regolarment u kien isibha bi tqila li jkollu jagħmel xogħol manwali. Id-dinja kienet qegħda tinbidel.

Għalliem bagħat għal missier tifel biex iħajru jħalli t-tifel jagħmel eżami għal-Liċeo. Kien tifel jipprometti iżda l-missier qallu: Ibni, kellimni s-surmast. Taf x'għidt - ara kemm hawn għalliema l-Mellieħa, ħadd minnhom m'għandu d-dar tiegħu. Jaqbillek taħseb għal rasek. U veru, ma kompliex. Għex u mexa, iżda l-fatt hu li l-edukazzjoni ma kinitx stmata. Naħseb li kien imur ħafna aħjar għax moħħ tajjeb imdawwal ma tobsorx fejn jista' jasal. F'għajnejn ċertu nies, il-bniedem kien jogħla fl-istima minn kemm għandu ġid mhux minn kemm kien ikun jaf. Iż-żmien kien imbagħad jurihom li kienu f'raġuni ħażina. L-edukazzjoni sabiħa ħafna fil-bniedem u sservi biex ittejjeb soċjeta'.

Wara l-gwerra l-mentalità inbidlet ħafna għall-aħjar. F'Jum il-Ġenituri, id-Direttur J.P Vassallo kien jagħmel taħditiet biex jiżdied l-interess min-naħa tal-ġenituri u dan kellu effett. Bil-mod il-mod bdew jifhmu sewwa sakemm wasalna li llum jixtiequ jkunu involuti dejjem iżjed fil-ħajja tal-iskola ta' wliedhom u ħsiebhom ħafna fil-progress. Dan rajtu kemm domt għalliem u mdaħħal fl-iskola fil-Mellieħa u osservajt li l-ħerqa tant kibret għal iktar edukazzjoni li l-ġenituri jagħmlu minn kollox biex jaraw progress f'uliedhom. Illum huma ħafna ż-żgħażagħ li qegħdin ikomplu f'edukazzjoni terzjarja biex jieħdu professjoni u jakkwistaw sengħat u ħiliet li l-ħajja titlob. Il-pajjiż b'hekk jgħolli l-livell tiegħu. Dik il-ħeġġa għat-tagħlim trid tkun hemm u llum dan sar importanti ħafna għax il-kwalità tax-xogħol dejjem qegħda tinbidel. Kulħadd jaf x'periklu hemm meta jkollok numru ta' nies emarġinati, bla ebda għamla ta' ħila, fuq il-bankina jitliequ għax-xemx.

Iżda l-edukazzjoni trid tinbeda mill-ewwel snin tal-ħajja tal-bniedem. Il-proċess irid isir pass pass bla ma jista' jinqabeż wieħed. Għalhekk l-edukazzjoni primarja tibqa' trid l-importanza tagħha b'dawk il-faċilitajiet kollha li jkollha bżonn, fost kollox l-għalliema li jridu jintroduċu l-meżżi li jkun hemm biex it-tagħlim isir. Barra dan, it-tifel irid jara l-gost f'dak li jsir l-iskola biex minn hemm tikber ix-xewqa li jkompli l-istudji tiegħu f'ħafna fergħat.